MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 304/1998/1

**Lorraine Spiteri, u b'dikriet tal-10 ta' Marzu 2005 gew mizjuda l-kliem "illum mart Gino (Angelo Eugene) u Maria Spiteri u Carmela sive Nena Taliana assistita minn zewgha Antonio sive Ninu ghal kull interess li jista' ikollu u Henry Gauci**

**vs**

**Grace Grech f`isimha proprio u zewgha John Grech ghal kull interess li jista' jkollu u dawn ta' l-ahhar bhala legittimi rapprezentanti ta' wliedhom Daniel u Stephanie Grech u Nellie Paceu b'dikriet tat-12 ta' Lulju 2005 il-gudizzju gie trasfuz f'isem John Grech u Josephine, Alex, Daniel u Stephanie ahwa Grech minflok Grace Grech li mietet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-attrici fejn gie premess:

Illi fiit-12 ta' Novembru 1997 mietet Maria Stella Aquilina.

Illi l-imsemmija Maria Stella Aquilina ddisponiet minn hwejjigha ghal wara mewtha permezz ta' testment datat 5 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace (ara dokument RZ1).

Illi ddisponiet min gidha a favur ta' kull wiehed mill-kontendenti bil-mod kif jirrizulta mit-testment anness, hlief ghall-konvenut Toninu Taliana.

Illi meta l-imsemmija Maria Stella Aquilina fil-mument li ghamlet t-testment sudett ma kienetx tinsab fil-pjeni sensi taghha u lanqas kienet tipposjedi l-fakoltajiet mentali u ma kienetx kapaci taghmel testment, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Illi ghalhekk it-testment sudett tal-5 ta' Novembru 1997 huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi.

Galhekk l-attrici qed titlob li l-konvenuti, jew min minnhom, jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghadhiex:-

1. tiddikjara li Maria Stella Aquilina meta ghamlet it-testment tal-5 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace ma kienetx "sana di mente" u ma kienitx tipposjedi l-kapacita' li taghmel testment ai termini ta' l-artikolu 597 (d) u

2. sussegwentement tiddikjara t-testment sudett bhala null u minghajr ebda effett.

Bl-izpejjez u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-konvenuti konjugiGrech propio et nomine fejn gie eccepit:-

1. Fl-ewwel lok, il-karenza tal-interess tal-atturi f`din il-kawza. Ghahekk, qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tisma' l-meritu tal-kawza, l-atturi ghandhom jippruvaw l-interess li jista' talvolta jkollhom f`din il-kawza.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju gahll-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante illi t-testment meritu tal-kawza huwa validu billi kuntrarjament ghal dak li jallegaw l-atturi, fil-mument li ghamlet it-testment de quo, Maria Stella Aquilina kienet tinsab fil-pjeni sensi taghha u kienet tipposjedi l-fakoltajiet mentali rikjesti mil-ligi u ghalhekk kapaci li taghmel testment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti konjugi Grech propio et nomie nomine dbitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Nellie Pace fejn gie eccepit Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li Maria Stella Aquilina meta ghamlet it-testment tal-5 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace kienet 'sana di mente' u tipposjedi l-kapacitajiet li taghmel testment ai termini tal-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Nellie Pace debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Semghet lix-xhieda prodotti mill-atturi.

Rat l-affidavit ta' Patri Valerio Bonello O.S.A., prodott mill-atturi.

Rat l-affidavits tal-atturi Lorraine Spiteri, Maria Spiteri u Carmela Taliana.

Semghet lill-konvenuta Grace Grech u lill-konvenuta Nellie Pace.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi.

Rat n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti konjugi Grech propio et nomine.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuta Nellie Pace.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat lil-kawa giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-atturi Lorraine Spiteri, Maria Spiteri, Carmela sive Nena u zewgha Antonio sive Ninu Taliana u Henry Gauci jippremettu li fit-12 ta’ Novembru 1997 mietet certa Maria Stella Aquilina, li ddisponiet minn hwejjigha ghal wara mewtha b’testment datat 5 ta’ Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace. B’dan it-testment l-imsemmija Maria Stella Aquilina ddisponiet min gidha a favur ta’ kull wiehed u wahda mill-kontendenti bl-eccezzjoni tal-konvenut Nenu Taliana. L-atturi jallegaw li meta Maria Stella Aquilina ghamlet l-imsemmi testment hi ma kienetx fil-pjeni sensi taghha u lanqas ma kienet tipposjedi l-fakoltajiet mentali u ma kienetx kapaci taghmel testment. Konsegwentement, skond l-atturi, l-imsemmi testment hu null u bla effetti fil-ligi. Fuq dawn il-premessi l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li, fil-hin li sar l-imsemmi testment, it-testatrici Maria Stella Aquilina ma kienetx “sana di mente” u ma kienitx tipposjedi l-kapacita’ li taghmel testment ai termini ta’ l-artikolu 597 (d) u li konsegwentement jigi dikjarat li l-imsemmi testment hu null u minghajr ebda effett.

Il-konvenuti konjugi Grech propio et nomine qed jeccepixxu preliminarjament li l-atturi m’ghandhomx interess f`din il-kawza u kwindi l-atturi ghandhom jippruvaw l-interess li jista’ talvolta jkollhom f`din il-kawza. Qed jeccepixxu ukoll li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante illi t-testment meritu tal-kawza huwa validu billi fil-mument li sar l-istess testment it-testatrici Maria

Stella Aquilina kienet tinsab fil-pjeni sensi taghha u kienet tipposjedi l-fakoltajiet mentali rikjesti mil-ligi u ghalhekk kienet kapaci li taghmel l-istess testment.

L-istess konvenuti konjugi Grech propio et nomine gharrigward tal-ewwel eccezzjoni taghhom jissottomettu li l-atturi ghandhom jipprovaw l-interess taghhom f'din l-azzjoni taghhom qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tisma' l-meritu tal-kawza. In effett din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Grech tista tigi trattata wara li tigi trattata u deciza l-kwestjoni principali jekk l-atturi rnexxilhomx jipprovaw jew le li fil-hin li t-tetstrici ghamlet it-testment de quo hija ma kienitx "sana di mente." Jekk eventwalment jirrisulta li l-atturi ma rnexxilhomx jaghmlu tali prova, konsegwentement ma jkunx il-kaz li tigi deciza ukoll l-ewwel ecceccezzjoni tal-imsemmija konvenuti. Ghalhekk fl-ewwel lok il-Qorti ser tesamina l-imsemmija kwestjoni principali u jekk ikun il-kaz sussegwentement tigi trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Grech.

Il-konvenuta Nellie Pace qed teccepixxi limeta sar it-testment in kwestjoni Maria Stella Aquilina kienet 'sana di mente' u kienet tipposjedi l-kapacitajiet kollha biex taghmel l-istess testment u dana skond il-ligi.

F'dawn il-proceduri l-atturi qed jittantaw jimpunjaw l-imsemmi testment ta' Maria Stella Aquilina peress li huma jsostnu li l-istess Maria Stella Aquilina, meta ghamlet dan it-testment ma kenetx "sana di mente" u ma kellix il-kapaċità li tagħmel testment ai termini tal-artikolu 597 (d) tal-Kodici Civili - Kap.16. Dan l-artikolu jipprovdi illi m'humiex kapaci li jiddisponu b'testment dawk li ma jkunux f'sensihom fiz-zmien li jkun sar it-testment. Hu ovvju li l-piz tal-prova jaqa' fuq min qed jallega u cioe' l-atturi. Difatti "onus probandi incunbit ei qui dicit non ei qui negat.' Konsegwentement huma l-atturi li iridu jipprovaw illi meta t-testatriċi ghamlet it-testment ma kinietx f'sensiha.

F'sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla tal-20 ta' Frar 2004 (citazzjoni numru 1744/1985/2) fl-ismijiet "Angelo Bugeja,

Giuseppe Bugeja, Caterina mart Emanuel Monreal, minnu assistita, Concetta mart Rocco Amato, minnu assistita, Domenica mart Louis Farrugia, minnu assistita vs Ignazio Bugeja" il-Qorti irriteniet illi "meta gew rinfaccjati b'kazijiet bhal dawn, il-Qrati taghna applikaw tliet principji bazici u cioe' r-ragonevolezza tal-kontenut tat-testment, jekk it-testment jaghmilx sens u jekk huwiex logiku jew le." Fir-rigward ta' l-ewwel principju, rigwardanti "ir-ragionevolezza" l-Qorti ta' l-Appell fil-kaz "Vassallo vs Sammut (Kollezzjoni ta' Decizjonijiet Vol. XXXIV;1;108) qalet illi "ir-ragonevolezza tad-dispozizzjonijiet kontenuti fit-testment hija l-kriterju li ghandu jwassal lill-gudikant biex jiddeciedi dwar l-insanita` mentali jew le tat-testatur". Il-Qrati taghna jimxu a bazi tal-principju illi jekk il-kontenut tat-testment huwa ragonevoli, allura huwa logiku illi wiehed jasal ghall-konkluzjoni illi t-testatur kien naturalment san meta ghamel it-testment.

Gie ukoll ritenut li persuna tista taghmel u ghalhekk ghandha l-kapacita li taghmel testment, kemm il-darba din tkun kapaci li tifhem il-portata tal-azzjonijiet tal-persuni madwara u li tifhem l-effetti tal-azzjonijiet taghha stess u, inoltre, li l-istess persuna ghandha l-kapacita` li tifforma intenzjoni.

Gie ukoll sostnut li biex wiehed ikollu l-kapacita` li jiddisponi minn gidu, permezz ta' testment, huwa jrid ikollu l-kapacita` li jifhem kjarament x'inhuma l-effetti tat-testment li qed jaghmel, li jifhem f'xix tikkonsisti u x'inhu l-valur tal-proprjeta` li jkun qed jiddisponi minnha u min huma l-persuni li jistghu jvantaw xi pretensjonijiet fuq il-patrimonju tieghu. Fil-kawza "Vassallo vs Sammut" (Vol. XXXIV;ii;188) il-Qorti ta' l-Appell applikat il-principju tal-konoxxenza u l-volonta` flimkien ma l-ezami tar-ragonevolezza tad-dispozizzjonijiet testamentarji sabiex tkun tista tikkonkludi jekk testment kienx validu jew le u cioe' jekk it-testatur, fiz-zmien li ghamel it-testment, kienx kapaci jew le li effettivament jaghmel l-istess testament.

Jista jigi nnotat li ll-ligi tirrikjedi biss li t-testatur ikun "sano di mente" fiz-zmien li jkun ghamel it-testment. Ghaldaqstant jekk huwa jkun ibati minn infermita` mentali,

izda fiz-zmien li ghamel it-testment it-testatur ikun ghaddej minn perjodu lucidu, allura dak it-testment xorta jitqies bhala validu. Ghall-kuntrarju, jekk it-testatur huwa normali, izda fiz-zmien tat-testment huwa jkun qed isofri minn infermita` mentali temporanja, allura dan it-testment ma jistax jitqies li hu validu.

Minn ezami tat-testment in kwestjoni ma jirriżultaw ebda stranezza jew kontradittarjeta fl-istess testament. In effett in-Nutar Dr Remigio Zammit Pace (fol 53), li rrediga l-att, kien car fix-xhieda tieghu u qal li “mentalment it-testatriċi kienet luċida.” L-istess xhud qal li t-testatrici kienet taf xi trid u speċifikat li legati kellhom ikunu f’liri sterlina u inoltre speċifikament x’kellu jseħħ fl-eventwalità li l-attrici Nena Taliana ma taċċettax il-legat tagħha. Skond l-istess xhud it-testatrici tkellmet b’certa koerenza. Ix-xhud it-tabib Dr Predrag Andredevic (fol 73) qal li t-testatriċi kienet qiegħda tirċievi l-morfina biex jigi kontrollat l-uġiegħ. Xehed – “I can say that such a dose being given to a person usually does not affect the patient’s mental capabilities or abilities, however I cannot say in respect to this case since I was not treating the particular case in question. Sussegwentement, a fol 75, ix-xhud jghid - “according to the nursing report of the 5th November 1997 it is stated that the patient was comfortable, there is no mention of any mental difficulties or problems.” L-istes xhud specifika li “when there are disturbances these are recorded and are referred to the doctors.” Il-Professur Dottor Godfrey Laferla (fol 81) xehed illi t-trattament permezz tal-pilloli tal-morfina jista’ b’xi mod jew ieħor jaffetwa l-istat mentali tal-pazjenta. Hu zied jghid, pero’, li jista jkun hemm “side effects” għar-rigward tat-teħid ta’ dan it-tip ta’ pilloli ċioe ta’ morfina, dawn is-side effects jiġu innutati u suppost li tittieħed azzjoni mit-tobba.

Il-konvenuta Grace Grech (fol 87 u fol 89) ikkonfermat li t-testatriċi “dejjem kellmitni bis-sens” u li t-testatriċi għexet magħha fil-hmistax (15) il-jum qabel ma marret l-isptar. Jirrizulta li t-testatriċi kienet ukoll nieqsa mis-smiegh, pero’ dan bl-ebda mod ma jirrifletti fuq il-kapaċita mentali taghha u wisq anqas ma jfisser li din kellha kapaċità mentali anqas minn normal. Inoltre l-konvenuta Nellie

Pace (fol 94) xehdet li l-attrici "kellha marda terminali ċioe il-kanċer fil-fwied u hija kienet batuta fiżikament pero' mentalment kienet għadha kollha hemm u setgħet tikkomunika magħna."

Ix-xhud Patri Valerio Bonello (fol 35) ikkonferma li huwa li kien jara lit-testatriċi fid-dar tagħha meta kien iqarbinha. Huwa kompla jikkonferma li t-attrici Taliana kienet tgħin ħafna lit-testatriċi Maria Stella Aquilina. Dan pero' ma jitfa l-ebda dawl fuq l-istat mentali tat-testatriċi fil-mument li għamlet it-testment.

F'dawn ic-cirkostani kollha u in vista tal-principju li min jallega irid jipprova l-allegazzjoni tieghu jista jinghad li l-provi tal-atturi huma generici u xejn specifiku biex jindikaw b'mod car illi t-testatrici kienet f'xi zmien, vicin meta sar it-testment, mentalment inkapaci li tkun taf x'inhi taghmel. Fil-kawza deciza fit-22 ta' Gunju 1938 fl-ismijiet "Giuseppe Formosa et vs Giuseppe Axiak et" gie stabbilit li f'kawza bhal din in esami u cioe' ta' impunjazzjoni ta' testment minabba l-insanità mentali tat-testatur ghandhom jappliokaw il-pricipji li gejjin u cioe' (a) li l-kapacita` li wiehed jaghmel testment hija r-regola, u l-inkapacita` hija l-eccezzjoni. Ghalhekk il-prezunzjoni 'juris tantum' hija illi min jaghmel testment huwa kapaci biex jiddisponi mill-beni tieghu, salva l-prova kuntrarja, li trid issir minn min jagixxi ghall-impunjazzjoni tat-testment, (b) li regola ohra fondamentali hija dik stabbilita fl-artikolu 597(d) tal-Kodici Civili u cioe' huma nkapaci li jiddisponu b'testment dawk li fi zmien it-testment ma jkunux f'sensihom ("of sound mind"), (c) li biex wiehed jista' jagmel testment ma hemmx bzonn "una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di cioe` che si fa,  e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve avere riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie." (d) li biex tigi stabbilita l-insanita` mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizi gravi u mhux semplici "congetture e possibilita`" u (e) li l-Qrati taghna dejjem kienu reticenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat testment minhabba l-insanita` mentali tat-testatur, jekk din l-inkapacita` ma tkunx irrizultat b'mod cert minn

fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment …."

It-testment meritu ta' dawn il-proceduri jikkontjeni disposizzjonijiet normali u regonevoli. La mill-"file" mediku u lanqas minn xi prova ohra ma jirrizulta li t-testatrici f'xi hin kienet qed tbati minn disturbi mentali. F'dan ir-rigward ma tistax tigi skartata x-xiehda tan-Nutar Remigio Zammit Pace li kkonferma li t-testatrici, fil-hin li kien qed isir it-testment, kienet luċida.

Il-fatt li t-testatrici ghamlet tmien (8) testamenti qabel it-testament in kwestjoni tal-5 ta' Novembru 1997 hu irrilevanti ghar-rigward tal-kwestjoni dwar il-kapacitajiet mentali tat-testatrici fil-hin li sar it-testment. Mhux rari l-fatt li persuna taghmel diversi testmenti u li fid-diversi testmenti tbiddel il-mod kif tixtieq li tiddiosponi mill-assi taghha wara mewtha.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi naqsu li jipprovaw b'mod sodisfacjenti li t-testatrici, ma kinitx mentalment kapaci li taghmel it-testment taghha fuq imsemmi tal-5 ta' Novembru 1997. Il-provi tal-atturi in effett jindikaw li l-mard li kienet tbati minnu t-testatrici kien fisiku u mhux mentali. Il-fatt li t-testatrici fit-testment in kwestjoni ddikjarat li ma kienitx b'sahhitha bizzejjed biex tifferma. Dan zgur li ma jindikax mard mentali. Konsegwentement it-talbiet kollha tal-atturi ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-atturi.

Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------